MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 80/2001/1

Joseph Sultana

vs

Maltapost plc

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur fejn ippremetta:

Illi fil-15 ta’ Novembru 2000 l-attur ghamel talba fl-ufficju tal-Maltapost fix-Xaghra, Ghawdex, sabiex il-korrispondenza kollha tieghu li tasal fl-indirizz bin-numru, 26, Marsalforn Road, Xaghra, Ghawdex, tigi trasferita ghall-indirizz Unit 1/278, Station Road, St Albans, Victoria, Melbourne, Australia 3021;

Illi meta l-attur ghamel it-talba tieghu ta l-indirizz fl-Awstralia ‘typewritten’ lill-impjegat tal-posta, sar il-hlas relattiv ta’ zewg liri Maltin (Lm2);

Illi minkejja dan huwa baqa’ qatt ma rcieva l-ebda korrispondenza matul iz-zjara tieghu fl-Awstralja u dan minkejja li kien qed jistenna korrispondenza ferm importanti fosthom dokumentazzjoni u cheques minn banek fl-esteru;

Illi huwa kellu jtemm il-vaganza tieghu xahrejn qabel ma kellu l-hsieb li jirritorna mill-Australja lejn Ghawdex u dana sabiex jivverifika x’kien gara mill-posta tieghu;

Illi meta vverifika ma’ l-ufficcju tal-Maltapost fix-Xaghra, Ghawdex, l-attur gie nfurmat li kien ircieva ta’ l-anqas ghaxar (10) ittri, liema korrispondenza ntbaghtet lilu f’indirizz li ma jezistix u cioe’: Unit 1/278, St Onion Road, St Allan’s, Victoria, Melbourne, Australia, u dana minhabba traskuragni u negligenza da parti ta’ l-impjegati tas-socjeta’ konvenuta;

Illi huwa baqa’ qatt ma rcieva l-korrispondenza tieghu u dana minkejja diversi tentattivi li saru minn naha tieghu kif ukoll minn naha tas-socjeta’ konvenuta mal-posta Awstraljana;

Illi minkejja li s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex tersaq ghall-hlas u likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, hija baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta’ traskuragni u negligenza da parti ta’ l-impjegati taghha li baghtu l-posta ta’ l-attur f’indirizz fl-Awstralia li ma jezistix;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur per konsegwenza tat-traskuragni u negligenza ta’ l-impjegati ta’ l-istess socjeta’ konvenuta;

3. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas id-danni kif hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata f’Mejju 2001 u bl-interessi skond il-ligi sad-data ta’ l-eventwali pagament effettiv. Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa s-socjeta’ konvenuta hija msejha u b’riserva ta’ kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li fiha eccepit:

1. preliminarjament, illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma sofra l-ebda danni u dan kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza;

2. minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, a tenur ta’ l-Artikolu 7 ta’ l-Att Dwar l-Ufficcju tal-Posta (Kap 254 tal-Ligijiet ta’ Malta) ir-responsabilita’ tal-kumpanija konvenuta hija limitata;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut annessa l-lista tax-xhieda;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-noti tal-osservazzjonjiet rispettivi;

Ikkunsidrat:

Jidher li m'hemmx kuntrast bejn il-kontendenti dwar il-fatti saljenti tal-vertenza li huma li l-attur qabel ma siefer ghal Awstralja kien mela applikazzjoni mas-socjeta' konvenuta u hallas l-mizata relattiva li biha talab li l-posta tigi ri-direzzjonata lilu fl-indirizz fejn kien ser jabita gewwa l-Awstralja.  Effettivament gara li l-indirizz li kien imnizzel fuq il-formula, miktub minn impjegata tal-Maltapost, inqara hazin minn min kien addett li jiehu hsieb li din il-posta tigi rekapitata lill-attur fl-indirizz minnu moghti fl-Awstralja, u giet invece mibghuta f'indirizz iehor li ma kienx jezisti.   L-attur qieghed jazzjona ghad-danni stante li jikkontendi li minhabba f'hekk kellu itemm hesrem iz-zjara tieghu fl-Awstralja u jirritorna lura Malta billi l-posta li kien qieghed jistenna kienet ta' certu importanza ghalih.

Dawn huma l-fatti fis-semplicita' taghhom li taw lok ghal din l-azzjoni ta' l-attur li l-bazi taghha, fil-fehma tal-Qorti, u kuntrarjament ghal dak sottomess mill-kontendenti fin-noti rispettivi ta' l-osservazzjonijiet taghhom, tinvolvi mhux r-responsabbilita' akwiljana izda dik kontrattwali. Hija fil-fatt il-fehma ta' din il-Qorti li gie kkrejat kuntratt unilaterali bejn l-attur u l-konvenut li permezz tieghu nibtet obbligazzjoni kontrattwali fil-konvenut li jesegwixxi fedelment l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-attur u jara li jigu esegwiti. Ghal dan hu thallas il-mizata relattiva.   Fil-kaz in dizamina huwa car li l-konvenut naqas li jesegwixxi l-obbligazzjoni fil-parametri li kellha tigi esegwita.   Altru l-kolpa in eligendo!.

Impostata f'dawn it-termini, huma s-segwenti disposizzjonijiet tal-Kodici Civili li fuqhom, u fil-fehma tal-Qorti, ghandha l-azzjoni tigi inkwadrata ghad-determinazzjoni taghha, cioe':

- l-Artikolu 1125 li jipprovdi li 'kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa ikun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni';

- l-Artikolu 1132 li jiddisponi li '… id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi hsieb il-gid biss ta' wahda mill-

partijiet sew jekk tal-parti l-wahda u l-ohra, hija f'kull kaz, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-Artikolu 1032';

- l-Artikolu 1133 li jipprovdi li 'id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jigi kkundannat ghad-danni, jekk jkun hemm lok, sew minhabba li jkun naqas ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni kemm ukoll minhabba d-dewmien fl-esekuzzjoni taghha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas ta' l-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi haga barranija li taghha huwa ma kienx htija';

- l-Artikolu 1134 li jghid li 'id-debitur mhux obbligat ghad-danni …minhabba forza magguri jew minhabba accident'; u

- l-Artikolu 1136 li jipprovdi li 'id-debitur hu obbligat biss ghal dawk id-danni li basar jew li wiehed seta' jobsor fiz-zmien ta' l-obbligazzjoni, izda dan kemm-il darba n-nuqqas tal-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni ma jkunx gie minn ghemil tieghu doluz";

Illi, fil-kaz in dizamina, huwa fatt stabbilit li ma kienx hemm ghemil doluz da parti tal-konvenut, izda nuqqas ta' prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Daqstant, huwa wkoll car, li ma sorga ebda impediment dovut ghal xi kaz fortuwitu jew forza magguri li ostakola jew seta' ostakola lill-konvenut li jesegwixxi l-obbligazzjoni.. Huwa car wkoll li ghal dawk li huma d-danni huwa l-attur li fuqu kien jinkombi l-oneru li jippruvhom wara li juri u jistabilixxi r-rabta diretta bejn l-istess danni u l-agir tal-konvenut.

Illi l-attur iffissa l-limitu tad-dannu allegatament minnu soffert fis-somma ta' hames mija tlieta u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm543.50) u fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu amplifika fuq din t-talba billi specifika li kien biss dan l-ammont li kien qieghed jippretendi. Rabat l-imsemmija danni ghall-fatt, kif ser jigi issa testwalment riprodott, billi qal li:

“ kellu jtemm hesrem iz-zjara tieghu fl-Australja, li kellha tintemm f’Marzu, kif jirrizulta mit-ticket li huwa esebit fl-atti ta’ din il-kawza.  Minhabba l-fatt li huwa qatt ma ircieva l-korrispondenza li kellha tasalu fl-Awstralja, u minkejja li cempel kemm-il darba fl-ufficcju tal-Maltapost fix-Xaghra, Ghawdex, mill-Awstralja, il-problema baqghet ma gietx solvuta. U hu baqa’ qatt ma rcieva l-korrispondenza li kien qed jistenna, b’mod partikolari minn diversi banek.  Kien proprju minhabba f’hekk illi huwa kien kostrett ibiddel l-pjanijiet tieghu u kellhu jixtri biljett gdid biex ikun jista’ jigi Ghawdex qabel iz-zmien”.

Trattasi din s-silta l-pern tal-kawza, l-attur kien kwindi f’obbligu jissostanzja bi provi cari u univoci u jipprova kemm il-quantum u l-entita’ u kemm ir-realzzjoni diretta bejn dawn id-danni u l-kawza allegata.  Hu fil-kuntest ta’ din l-ahhar prova li l-azzjoni tieghu tirrokka u dan ghas segwenti ragunijiet:

-  li mid-dok. esebit folio 26, ir-‘redirection of mail’ kellha tibda b’effett mit-13 ta’ Novembru 2000 sat-13 ta’ Novembru 2001;

-  li d-dok. 41 jikkonsisti f’fotokopja ta’ biljett ta’ l-arju li jirrisulta mahrug fil-5 ta’ Dicembru 2001;

-  li anke li kieku kellha tigi accettata bla riserva in-nofs tas-somma murija fil-fattura, folio 42, li tikkorrispondi ghas-somma ta’ hames mija tlieta u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm543.50), pretiza mill-attur, id-data taghha hija is-6 ta’ Dicembru 2001.

Illi dan fuq espost jista’ ghalhekk ifisser haga wahda biss: li kemm il-biljett ta’ l-arju u kemm il-fattura korrispondenti originaw wara it-temm ta’ l-obbligazzjoni tal-konvenut u per konsegwenza jgib fix-xejn id-danni li l-attur jghid li sofra minhabba l-agir negligenti u traskurat tal-lonvenut anka fil-kaz, kif jirrizulta l-kaz li l-konvenut wera din in-negligenza u traskuragni.

Ghaldaqstant qeghdha din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad t-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------